# Il-Menqa matul is-Snin



**_Kunsillier Josef Azzopardi_**

Il-Ġografija ta' Malta kienet ir-raġuni biex din il-gżira żgħira tiehu importanza kbira fost l-ikbar ġnus li riedu jaħkmu l-baħar Mediterran. Il-Feniċi, il-Kartaġiniżi, ir-Rumani, l-Biżantini, l-Għarab Aglabiti, l-Anġuvini, l-Aragoniżi, il-Kavallieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi kollha ħakmu lil Malta.

Il-fatt li Malta hija gżira bla dubbju ta' xejn waslet biex kull min ried jaħkimha ried ikollu tip ta' qawwa marittima u żgur li biex iżżomm il-gżira ridt bilfors li tikkummerċja ma' artijiet oħra permezz tal-baħar.

Sa mill-eqdem żminijiet in-naħa tal-Menqa kien post importanti minħabba l-fatt li hija l-aktar daħla kennija tal-port il-Kbir. Wied is-Sewda u Wied il-Kbir kienu jingħaqdu mall-port u aktarx li fejn illum hemm il-'Marsa Sports Centre' jew kif kienet magħrufa bħala l-Marsa ta' l-Ingliżi, kien jinġabar ħafna ilma ħelu qabel jsib triqtu lejn il-baħar.

Meta l-irħula tal-madwar fosthom Ħal Qormi beda jikber u jinfirex viċin dawn l-inħawi, kien hemm il-biża' li ħafna mard kien qed jiġi minħabba n-nemus li kien jgħix f'dawnl-ilmijiet. Għalhekk l-Ingliżi bejn 1861 u l-1866 bdew jimlew artijiet fejn l-ilma kien ikun qiegħed. Hawnhekk inħoloq il-port magħruf bħala Portu Novu (Port Ġdid) u b'hekk il-Menqa kompliet tikber fl-importanza tagħha fi żmien l-Ingliżi.

L-Imperu Brittaniku kien ibbażżat fuq il-qawwa navali tiegħu u lil Malta użaha bħala bażi navali fiċ-ċentru tal-Baħar Mediterran. Matul iż-żmien li Malta kienet kolonja tal-Gran Brittanja, d-dinja għaddiet minn tibdil kbir. Id-dinja rat ix-xwieni jinbidlu u minflok vapuri bil-qlugħ, bdew jidhru bastimenti li jużaw il-faħam biex jivvjaġġaw. Ir-rivoluzzjoni Industrijali ġabet magħha tibdil kbir kemm fil-makkinarju u kif ukoll fil-mod ta' kif il-bniedem beda jaħseb. Ħafna kienu dawk madwar l-Ewropa li bdew jitilqu l-għelieqi biex imorru jiksbu l-għixien tagħhom fil-fabbriki. Fl-1869 infetaħ il-Kanal ta' Suez u dan għal Gran Brittanja kien ifisser li l-merkanzija lejn l-Indja trid tgħaddi mill-baħar Mediterran u b'hekk Malta sabet ruħha fil-qalba tal-kummerċ.



L-ewwel Gwerra Dinjija 1919 rat lil Malta tiġi mlaqqma bħala 'The Nurse of the Mediterranean' minħabba li l-midruba tal-gwerra kienu jinġiebu għal kura fil-gżira tagħna. Sa minn qabel l-ewwel gwerra dinjija, u kompliet wara l-ewwel gwerra dinjija, l-Gvern Ingliż f'Malta kien qiegħed attent għal kull pass li kienet qed tagħmel l-Italja. Meta Benito Mussolini ħa l-poter fl-1922, l-Ingilterra aktar kienet qed tifhem l-importanza tal-gżira tagħna u dan it-twemmin saħħitu waqt it-tieni gwerra dinjija billi Malta rnexxiela tibqa' tiddefendi kontra l-qawwiet Faxxisti u Nazisti.

F'dawn il-madwar mitejn sena ta' storja taħt il-Gran Brittanja kienu jfissru li l-Menqa tiehu importanza kbira u mhux biss iżda wkoll twelled lill-Marsa b'mod speċjali l-Parroċċa tas-Ssma Trinita'. Qed ngħid dan għaliex il-bini fin-naħa ta' fuq tal-Marsa, fejn illum jinsab taħt il-Paroċċa ta' Marija Reġina kien diġa jeżisti u kien bħal estensjoni tal-Ħamrun.

Waqt riċerka fl-arkivji Nazzjonali fis-Santu Spirtu fir-Rabat sibt mappa ta' l-1915, u turi li naħa ta' fuq tal-Marsa fosthom Triq Isouard bit-toroq li jaqsmu minnha, Triq Azzopardi u Qormi Road kienu diġa mibnieha. Mill-banda l-oħra meta nbniet il-Knisja tas-Santissma Trinita', u ġiet ikkonsagrata bħala parroċċa fl-1913 din kienet imdawra b'ħafna għelieqi u djar kien hemm ftit li xejn kif turi l-istess mappa.




In-naħa tal-Menqa kien hemm ħafna attivita' minħabba l-bastimenti Ingliżi. Fil-fatt mir-ritratt t'hawn taħt wieħed

*(ikompli f'paġna 65)*



mill-ewwel jinnotta l-qlugħ fuq dawn il-bastimenti. Dawn il-bastimenti kienu jitfgħu l-ankri fil-qiegħ tal-baħar u jniżżlu l-merkanzija u lill-passiġġieri fuq id-dgħajjes, b'mod speċjali fuq id-dgħajjes tal-pass. Il-bastimenti kienu wkoll iġibu xi merkanzija u din kienet titieħed fl-imħażen fil-madwar. Fir-ritratt tidher ukoll il-Knisja tas-Santissma Trinita' li tidher kif ġa għedt mdawra b'ħafna għelieqi.



F'mappa oħra li sibt li iġġib id-data ta' l-1924, jidher ix-xatt tal-Marsa li kien jestendi minn fejn illum hemm il-'Valletta Waterfront', oriġinarjament magħrufa bħala l-Imħażen ta' Pinto u kien jibqa' sejjer sa Ras Ħanżir. Jekk naraw il-bini f'din iż-żona nsibu bosta mħażen mall-kosta li xi wħud minnhom immorru lura għal żmien il-Kavallieri, nsibu fabbriki tat-dqiq u diversi tined li fihom kienet titpoġġa l-merkanzija. Iż-żona kienet waħda bieżla u importanti tant li anki għassa tal-pulizija tidher fil-mappa. Interessanti ħafna huwa li l-Menqa kellha daħla żgħira u stajt taqsam mill-Moll tal-Pont (Bridge Wharf) permezz ta' pont tal-ħadid minflok idur id-dawra madwar Moll iċ-Ċanganturi (Flagestone Wharf), il-Moll tal-Ħatab (Timber Wharf) u




l-Moll tal-Braken (Lighter's Wharf).
F'ritratt ieħor interessanti tal-Menqa jidher 'Spencer Buildings' bil-bandiera Ingliża titajjar fuqu. Quddiemha jidhru l-imħażen li jinsabu madwar il-kosta flimkien ma'



tined li fihom kienet titpoġġa l-merkanzija.
Matul iż-żmien kif ġa għedt kien hemm kambjament kbir fil-bastimenti, kemm fid-daqs u kemm ukoll fil-mod ta' kif jaħdmu. Għalhekk minn xwieni li kienu jiddependu mill-



qlugħ bdew jinbidlu f'oħrajn li jużaw il-faħam ukoll.
Kull Marsi għandu jkun kburi li r-raħal tiegħu oriġina minn familji bieżla li telqu rħula oħrajn u ġew jgħammru l-Marsa minħabba x-xogħol li kien iġib miegħu l-port il-Kbir. Il-Marsa nistgħu nsejħulha raħal marittimu għax kemm isimha u kemm l-oriġini tagħha huma marbutin mal-baħar. In-nies bieżla li sabu l-ħidma u l-għixien tagħhom madwar il-Menqa bdew jgħixu fl-istess żona u b'hekk il-Marsa bdiet tikber fil-popolazzjoni.

Meta l-bastimenti Ingliżi ħallew lil xtutna fis-sena 1979, kien ifisser li ħafna xogħolijiet marbuta mall-qawwa navali kienu ntemmu darba għal dejjem. B'hekk din iż-żona bdiet titlef l-importanza tagħha u kompliet tbati bil-bini tal-powerstation. J'alla jiġi żmien li din iż-żona tkun fi stat aħjar u b'hekk inkunu nistgħu nagħtu ġieh lil dan il-port kenni li welled lir-raħal tagħna.




**Referenzi:**
*Mappep mill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta (Santu Spirtu-Rabat)*
*Ritratt tal-bini tal-Powerstation mill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta (Santu Spirtu-Rabat)*
*Ritratti oħra meħudin mill-paġna ta' facebook 'Malta, once upon a time'.*
*Referenzi mill-ktieb 'The Twin Harbour Area' ta' Charles Fiott*
*Referenzi mill-ktieb 'Della Descrizione di Malta' ta' Gian. Franġisk Abela*

